DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

## Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku

**Tel:** 2598 2449 / 2598 2478 / 2598 2480 **Fax:** 2598 2149

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 27 ta' Novembru 2012

**Azzjoni:** X **Ref:** CMeLD 226/2012

**Lill-:** Kapijiet u l-Assistenti tal-Iskejjel Sekondarji tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja u l-Għalliema tal-Malti u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Agius Muscat, George Mifsud, David Muscat - Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** **"**Kemm kienu jitkellmu Malti differenti!" - Taħdita nhar l-1 ta' Diċembru 2012

---

L-għalliema tal-Malti u kull min huwa interessat huwa mistieden biex jattendi għal taħdita mogħtija minn Olvin Vella, lettur tal-Malti fl-Università ta' Malta, fuq kemm kienu jitkellmu Malti differenti l-Maltin fl-antik.

Fost l-oħrajn Vella se jitkellem fuq il-konsonanti li tlifna fi żminijiet differenti. B'kollox tlifna seba' ħsejjes – tnejn biss salvajniehom fil-kitba: l-għajn u l-akka. Il-ħames konsonanti l-oħra nsibuhom miktubin fil-prietki u fit-talb maġiku, fl-atti tan-nutara u fil-proċessi tal-Inkwiżitur.

Din it-taħdita se ssir nhar is-Sibt, l-1 ta' Diċembru f'Palazzo Santa Sofia (ftit passi 'l bogħod minn Palazzo Falson, l-Imdina) fl-10.30am. Id-dħul huwa b'xejn imma l-postijiet huma limitati.

Tagħrif ieħor jista' jinkiseb minn info@palazzofalson.com

Grazzi.

**Sandro Spiteri**
**Direttur tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku**